MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2009

Avviz Numru. 24/2009

John u Pauline konjugi Schembri

Vs

Francis Xavier Micallef

Permezz ta’ din il-kawza l-atturi qeghdin jitolbu l-hlas tas-somma ta’ ghaxart elef u sittax-il euro u wiehed u tletin centezmu (€10,016.31) somma li sellfu lill-konvenut permezz ta’ skrittura privata li saret fil-21 ta’ Awwissu 2005.

Il-konvenut ikkontesta t-talba fis-sens li jsostni li ma tezistix skrittura valida u l-ammont mitlub hu eccessiv.

Il-Qorti kellha l-opportunita li tisma’ lill-partijiet jaghtu x-xhieda taghhom. M’hemmx dubju li l-konvenut issellef il-flus minghand l-atturi. Flus li skond l-iskrittura tal-21 ta’ Awwissu 2005 kellhom jithallsu sal-31 ta’ Dicembru 2005. Il-konvenut jammetti li ma hallas xejn mill-ammont in

kwantu jsostni li ma kienx f'posizzjoni finanzjarja li jhallas. Zied ighid li jkun jista' jhallas fl-ahhar ta' Mejju 2010 meta huh ser jircievi ammont konsiderevoli ta' flus mill-bejgh ta' bhejjem.

Il-konvenut isostni li l-firma li tidher taht il-firma tieghu fl-iskrittura a fol. 6, hi falza. Ghall-qorti dan m'huwiex rilevanti in kwantu l-konvenut gharaf il-firma tieghu fuq dan id-dokument. Irrispettivament jekk id-dokument kienx gie ffirmat mill-attur, fih dikjarazzjoni tal-konvenut li issellef is-somma li qeghdin jitolbu l-atturi permezz ta' dawn il-proceduri. Dikjarazzjoni li giet iffirmata mill-konvenut.

Min-naha tieghu l-konvenut qieghed jikkontesta s-somma ta' €698.81 u jghid li ssellef biss is-somma ta' €9,317,49. Mistoqsi ghal x'hiex qeghda tirreferi s-somma ta' €698.81, ighid li ma jafx. Fil-fatt jistaqsi jekk dak l-ammont huwiex imghax mohbi. Irrispettivament jekk is-somma hijiex tirreferi ghall-imghax, m'hemmx dubju li l-konvenut ma hallasx fiz-zmien u minn jeddu u volontarjament iffirma dokument fejn accetta u ddikjara li ghandu jhallas is-somma ta' €10,016.31, u obbliga ruhu li jhallashom sal-31 ta' Dicembru 2005. Obbligazzjoni li ma wettaqx. Fic-cirkostanzi l-qorti lanqas ma ssib li kien hemm xi element ta' uzura.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talba tal-atturi u ghalhekk tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' ghaxart elef u sittax-il ewro u wiehed u tletin centezmu (€10,016.31), bl-imghax u bl-ispejjez kif mitluba mill-atturi. Spejjez tal-konvenut ikunu a karigu tieghu.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------